

Brussell, 26 ta' Mejju 2016
(OR. en)

9373/16

JAI 480
DROIPEN 96
COPEN 173
RELEX 429
GENVAL 64
MIGR 98
SOC 348
COSI 93

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5287/2/16 REV 2
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol

L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Anness għandhom il-mira li jsaħħu l-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u li jagħtu kontribut dwar it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol għall-istrateġija kontra t-traffikar għal wara l-2016 li l-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa. Huma msejsin (fost affarijiet oħra) fuq ir-riżultati ta' ħames sessjonijiet ta' ħidma li saru fl-2015 u l-konferenza TeamWork! It-tisħiħ tal-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, li saret fit-18 u d-19 ta' Jannar 2016 f'Amsterdam. Is-sessjonijiet ta' ħidma u l-konferenza ġew organizzati min-Netherlands, f'kooperazzjoni mal-Lussemburgu, ir-Repubblika Slovakkja u Malta.

L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness tad-dok. 5287/16, ġie ppreżentat mill-Presidenza u għall-bidu ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluża l-Evalwazzjoni (GENVAL) fit-3 ta' Frar 2016. Il-Grupp ta' Ħidma GENVAL esprima appoġġ ġenerali għall-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, soġġett għal xi bidliet fit-test proposti minn għadd ta' delegazzjonijiet. Ġew introdotti bidliet korrispondenti fl-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u dawn il-bidliet reġġu ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma GENVAL tas-16 ta' Marzu 2016 u fil-Komitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) waqt il-laqgħa tagħhom fit-18 ta' April 2016. B'hekk intlaħaq qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet, soġġett għal xi bidliet żgħar li ġew introdotti fid-dokument fl-Anness ta' din in-nota.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden jikkonferma dan il-qbil u jippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota, lill-Kunsill, għall-adozzjoni taħt il-parti "A" tal-aġenda tal-laqgħa tiegħu fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2016.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-INDIRIZZAR TAT-
TRAFFIKAR TA' BNEDMIN GĦAL SFRUTTAMENT GĦAX-XOGĦOL**

- FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-indirizzar tal-forom kollha ta' traffikar ta' bnedmin, fosthom l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn u forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, fosthom talb għall-karità, skjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù, jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-tneħħija ta' organi, huwa ta' importanza fundamentali u li dawn l-isforzi għandhom jitkomplew bis-sħiħ;
- FILWAQT LI JENFASIZZAW li t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol huwa forma kemm serja kif ukoll sikwit organizzata ta' kriminalità u ksur gravi tad-drittijiet fundamentali kif stipulat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u li bosta vittmi, kemm tfal kif ukoll adulti, jiġu traffikati għall-iskop ta' sfruttament għax-xogħol permezz ta', pereżempju, vjolenza, theddid jew abbuż ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà u jistgħu jispiċċaw f'ċirkostanzi koroh ħafna;
- FILWAQT LI JAGĦRFU li l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin huma żewġ forom separati ta' kriminalità, koperti minn oqfsa legali separati fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonalli, li ż-żewġ forom ta' kriminalità jistgħu jkunu marbutin u li jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi evitat li migranti li jkunu ġew meġġuna jidħlu illegalment f'pajjiż, speċjalment tfal, jispiċċaw vittmi ta' traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, minħabba li jistgħu jkunu vulnerabbli għal dan;

- FILWAQT LI JFAKKRU fl-importanza tal-protokoll tan-NU kontra t-traffikar ta' persuni¹ u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) dwar l-azzjoni kontra t-traffikar ta' bnedmin²;
- FILWAQT LI JFAKKRU fid-Direttiva 2011/36/UE³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu⁴ u d-Direttiva 2009/52/KE⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, li jinkludu miżuri kontra min iħaddem lil persuni li jkun jaf li jkunu ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali li jkunu vittmi ta' traffikar;
- FILWAQT LI JFAKKRU fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill 'Nindirizzaw il-forom ta' traffikar ta' bnedmin li qed jiżviluppaw fl-Istati Membri tal-UE';
- FILWAQT LI JFAKKRU fl-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016⁶, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE l-ġdida lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016, u r-rapport intermedju dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija msemmija⁷;
- FILWAQT LI JFAKKRU fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda tal-UE, inkluż il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, u l-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni;

¹ Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, Palermo, 2000.

² Sensiela ta' Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa (CETS) Nru 197.

³ DK mhijiex marbuta b'din id-Direttiva.

⁴ ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

⁵ DK mhijiex marbuta b'din id-Direttiva.

⁶ L-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016, COM(2012) 286 final, 19 ta' Ġunju 2012.

⁷ Rapport intermedju dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE lejn il-qerda tat-traffikar ta' bnedmin, COM(2014) 635 final, 17 ta' Ottubru 2014.

- FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-Kunsill⁸ għamel it-traffikar ta' bnedmin waħda mill-prijoritajiet għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2014 u l-2017 fil-qafas taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja;
- FILWAQT LI JENFASIZZAW l-importanza li jiġi promoss xogħol deċenti fis-suq tax-xogħol Ewropew u li jittejjbu l-ħarsien u l-infurzar tal-istandards internazzjonali, tal-UE u nazzjonali rilevanti fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll li x-xogħol mhux iddikjarat jiġi pprevenut, skoraġġit u miġġieled, kif diskuss waqt il-konferenza reċenti Promoting Decent Work (Il-Promozzjoni ta' Xogħol Deċenti) li saret f' Amsterdam fit-8 u d-9 ta' Frar 2016;
- FILWAQT LI JQISU li t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol iwassal għal kompetizzjoni inġusta li tagħmel ħsara lill-kumpanniji li jagħmlu n-negozju b'ħarsien sħiħ tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;
- FILWAQT LI JENFASIZZAW l-isforzi li diġà saru mill-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tal-UE biex jiġġieldu kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol;
- FILWAQT LI JILQGĦU l-isforzi li saru mill-Istati Membri inkluż, fost eżempji oħrajn, il-ħolqien ta' unitajiet dedikati ta' investigazzjoni b'kompetenza għat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol;
- FILWAQT LI JILQGĦU l-ħidma li saret mill-Europol u l-Eurojust biex jiġġieldu kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, waqt li jinnotaw li jidher li hemm fejn jiżdiedu l-informazzjoni mogħtija lill-Europol u l-għadd ta' każijiet trattati mill-Eurojust b'rabta mat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol;
- FILWAQT LI JILQGĦU l-Manwal *TeamWork!* għal esperti dwar il-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, imsejjes fuq kontributi minn esperti mill-Istati Membri u mfassal mill-presidenzi (preċedenti, attwali u li jmiss) tal-Kunsill, tal-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakkja u Malta u l-konferenza *TeamWork!* li saret fit-18 u d-19 ta' Jannar 2016 f' Amsterdam;

⁸ Dok. 12095/13.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill,

JENFASIZZAW l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol bl-użu ta' approċċ transkonfinali komprensiv u multidixxiplinarju li jiġbor fih kemm is-settur pubbliku, u b'mod partikolari s-servizzi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni, is-servizzi tal-pulizija u servizzi oħrajn ta' investigazzjoni kriminali, l-ispettorati tax-xogħol, soċjali, tas-saħħa u oħrajn, is-servizzi tal-fruntieri, is-servizzi tal-immigrazzjoni, l-ambaxxati u s-servizzi konsulari, il-gvernijiet u l-awtoritajiet tat-taxxa lokali u reġjonali, kif ukoll is-settur privat, inklużi kumpanniji, il-fornituri u s-sottokuntratturi tagħhom, it-trade unions u s-soċjetà ċivili;

JISĦQU DWAR l-importanza tal-adozzjoni ta' Aġenda Ewropea għall-qerda tat-traffikar ta' bnedmin (wara l-istrateġija attwali tal-UE kontra t-traffikar) mill-Kummissjoni Ewropea, biex ikomplu jiġu indirizzati l-forom kollha tat-traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol;

JIKKONKLUDU għaldaqstant li l-azzjonijiet imniżżlin hawn taħt jagħtu kontribut għal tweġiba b'saħħitha għat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u

JITOLBU LILL-KUMMISSJONI:

- tkompli tinkludi miżuri u azzjonijiet multidixxiplinarji biex jiġi indirizzat it-traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, pereżempju fil-ħidma ta' kumpanniji u fil-katina tal-provvista tagħhom, u tappoġġa l-vittmi ta' kull forma ta' traffikar ta' bnedmin fl-Aġenda Ewropea l-ġdida għall-qerda tat-traffikar ta' bnedmin (l-istrateġija kontra t-traffikar għal wara l-2016), partikolarment billi:
 - tkompli tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-kooperazzjoni multidixxiplinarja sabiex jingħataw għajnuna, appoġġ u kumpens lill-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, għal vittmi nisa u rġiel, adulti u tfal⁹, individwi u gruppi ta' vittmi;
 - tinkludi l-aħjar prattiki fil-Manwal dwar il-Viżi dwar l-identifikazzjoni ta' sinjali ta' traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi;
 - tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jsaħħu l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u miżuri għat-tnaqqis tad-domanda għal oġġetti mmanifatturati minn vittmi tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u servizzi mogħtija minnhom;
 - tkompli ssaħħaħ azzjoni esterna kkoordinata tal-UE kontra t-traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol;
 - tistimula kooperazzjoni kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol mal-kumpanniji, inklużi l-fornituri u s-sottokuntratturi, u t-trade unions;

⁹ Skont l-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2011/36 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, 'tfal' għandha tfisser kull persuna taħt it-18-il sena.

- tkompli tipprovdi fondi adegwati għal attivitajiet kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, u b'mod partikolari:
 - tistimula kooperazzjoni Prattika u operazzjonali fost l-Istati Membri kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, pereżempju permezz ta' proġetti dwar spezzjonijiet konġunti;
 - tiżviluppa u tagħmel kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol immirati lejn professjonisti u l-pubbliku ġenerali u tikkomunika ma' gruppi vulnerabbli biex iżżid l-għarfien dwar id-drittijiet tagħhom,
 - tinvolvi b'mod sħiħ spettorati tax-xogħol u spettorati oħrajn u gvernijiet lokali u reġjonali, fejn xieraq f'assoċjazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, f'kooperazzjoni multidixxiplinarja (tal-UE) kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, pereżempju biex tistimula l-użu tal-approċċ amministrattiv fil-ġlieda kontra din il-forma ta' sfruttament;
- tkompli tikkoordina azzjonijiet ma'organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll korpi Ewropej oħrajn, u tuża b'mod sħiħ ir-rapporti ta' monitoraġġ tagħhom, speċjalment il-Grupp tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA).

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI:

- Jimplimentaw b'mod sħiħ id-Direttiva 2011/36/UE¹⁰ u jiżguraw li l-vittmi kollha jkollhom aċċess għad-drittijiet mogħtija lilhom mid-Direttiva, kif ukoll jieħdu azzjoni biex jipprevjenu b'mod effettiv it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u biex it-traffikanti jittellgħu l-qorti; u jimplimentaw b'mod sħiħ id-Direttiva 2009/52¹¹;
- Jikkunsidraw ir-ratifika tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kif miftiehem fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2071¹²;
- Isaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni nazzjonali u transkonfinali multidixxiplinarji kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, inkluż fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja, billi jinvolvu firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fl-attivitajiet marbutin ma' dan is-suġġett li huma inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin, waħda mill-prijoritajiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità, jipprovdu lill-unitajiet ta' investigazzjoni kontra t-traffikar l-għodod li jeħtieġu biex jaqdu r-rwol tagħhom kemm nazzjonalment kif ukoll fuq il-livell tal-UE u billi jwaqqfu Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunti fejn possibbli, rilevanti u konformi mal-liġi nazzjonali;
- Proattivament jużaw investigazzjonijiet finanzjarji fil-każijiet kollha ta' traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, għall-iskop ta' ġbir ta' evidenza, għall-intraċċar ta' organizzazzjonijiet kriminali, il-ġbir ta' intelligence finanzjarja, l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali;
- Jagħmlu b'mod konġunt, fejn possibbli, kampanji ta' sensibilizzazzjoni simultanji fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni sabiex titnaqqas id-domanda għal u tiġi skoraġġita l-provvista ta' prodotti mmanifatturati minn vittmi ta' traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u servizzi mingħandhom;
- Jipprovdu taħriġ (taħriġ speċjalizzat u multidixxiplinarju) li jkun immirat lejn il-professjonisti tal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti kollha involuti fl-approċċ multidixxiplinarju, li jinkludi taħriġ dwar kif tinstab, tiġi identifikata u tinġabar evidenza dwar it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, dwar kif l-awturi ta' dan it-traffikar jittellgħu l-qorti u dwar kif il-vittmi tiegħu jiġu appoġġati biex jitolbu d-drittijiet tagħhom;

¹⁰ DK mhijiex marbuta b'din id-Direttiva.

¹¹ DK mhijiex marbuta b'din id-Direttiva.

¹² ĠU L 301, 18.11.2015, p. 47.

- Jipprovdu finanzjament u biżżejjed riżorsi għal azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u l-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-vittmi tiegħu;
- Jipprovdu lill-ispettorati tax-xogħol u oħrajn l-għodod li jeħtieġu biex jaqdu r-rwol tagħhom fil-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, kemm nazzjonalment kif ukoll fuq il-livell tal-UE, pereżempju direttorju tal-UE li jagħti dettalji dwar is-setgħat tal-ispettorati rilevanti u l-persuni ta' kuntatt fihom, is-sekondar ta' spetturi fi spettorati fi Stati Membri oħrajn u modi kif isir skambju ta' esperjenzi, l-aħjar prattiki u xejriet; u għal dak il-għan:
- Jesploraw il-possibbiltajiet biex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni transkonfinali bejn spettorati tax-xogħol u oħrajn, pereżempju l-possibbiltajiet biex jitwaqqaf netwerk tal-UE għall-ispettorati tax-xogħol u oħrajn dwar il-kwistjoni tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u l-iżvilupp ta' għodod biex tiġi appoġġata dik il-kooperazzjoni.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI jsaħħu l-appoġġ tagħhom għal investigazzjonijiet kriminali u kooperazzjoni ġudizzjarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għall-iskop ta' sfruttament għax-xogħol, u jippromwovu, flimkien mas-settur privat, miżuri, fosthom prattiki u regoli, għall-prevenzjoni ta' traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol.

JISTIEDNU LILL-AĠENZIJI TAL-UE MNIŻŻLIN HAWN TAĦT:

- EASO: biex jiżgura li t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol jiġi inkluż fl-għodod żviluppati għall-identifikazzjoni ta' vittmi tat-traffikar ta' bnedmin fil-proċeduri ta' asil;
- Europol: biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri f'kooperazzjoni multidixxiplinarja fuq it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, pereżempju billi tinkludi lill-ispetturi tax-xogħol u partijiet ikkonċernati oħrajn fil-laqgħat ta' EMPACT THB, il-laqgħat operazzjonali u l-jiem ta' azzjoni dwar dan is-suġġett; u biex tgħin lill-Istati Membri jużaw b'mod proattiv l-investigazzjonijiet finanzjarji fil-każijiet kollha ta' traffikar ta' bnedmin, inkluż għal sfruttament għax-xogħol, u taqsam l-għarfien dwar il-ġbir ta' evidenza, l-intraċċar ta' organizzazzjonijiet kriminali, il-ġbir ta' intelligence finanzjarja u l-identifikazzjoni, l-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali, filwaqt li tinkludi l-partijiet ikkonċernati kollha bħall-unitajiet tal-intelligence finanzjarja (UIF), is-servizzi ta' prosekuzzjoni, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

- Frontex: biex tkompli tiżviluppa profili ta' riskju biex jintużaw mill-gwardji tal-fruntieri biex jidentifikaw vittmi potenzjali u awturi ta' traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, fil-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar;
- Eurojust: biex tkompli tgħin lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni ta' kooperazzjoni transkonfinali għad iduzzjarja kontra t-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, u tagħti kontribut għat-tisħiħ tal-kapaċità konġunta tal-Istati Membri f'dan il-qasam, inkluż billi żżid in-numru ta' każijiet ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, kif xieraq;
- CEPOL, EJTN u EIGE: biex jiżguraw taħriġ regolari u xieraq biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, inkluż kif tinstab, tiġi identifikata u tinġabar evidenza dwar it-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol u kif jittellgħu l-qorti l-awturi ta' dan it-traffikar, filwaqt li jgħaqqdu s-servizzi tal-pulizija, l-ispettorati tax-xogħol u aġenziji oħrajn tal-gvern fejn ikun xieraq.

JILQGĦU l-Istudju dwar il-ġurisprudenza marbuta mat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, l-Istudju dwar gruppi ta' riskju għoli għat-traffikar ta' bnedmin u l-Istudju dwar inizjattivi ta' prevenzjoni dwar it-traffikar ta' bnedmin, ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll ir-rapport mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar Forom ħorox ta' sfruttament għax-xogħol, u l-ħidma konġunta mal-Eurofound għall-iżvilupp ta' gwida tal-aħjar prattiki¹³ għall-intermedjarji tas-suq tax-xogħol għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' bnedmin għal sfruttament għax-xogħol, u JISTIEDNU lill-partijiet ikkonċernati kollha jiżviluppaw u jqassmu gwidi u manwali rilevanti u mmirati tajjeb, b'mod partikolari

JISTIEDNU lill-Presidenza, il-Kummissjoni u l-Aġenziji u l-korpi rilevanti kollha tal-UE jirrappurtaw lill-Kunsill, kif u meta jkun xieraq, dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet.

¹³ Għad trid tiġi ppubblikata.